**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1026/96**

**Anthony Caruana**

**Vs**

**Joseph Sant**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670) ammont dovut rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Gunju 1996 u tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu 1996 u tal-mandat ta' qbidipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali.

Bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Sant fejn eccepixxa:

(1) Illi x-xoghol li l-kontendenti kienu ftehemu li ghandu jsir ghadu mhuwiex lest u ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li jithallas meta ghadu ma lestiex ix-xoghol.

(2) Illi certu xoghol li sar ma giex mahdum skond is-sengha u l-arti u ghalhekk qabel ma l-istess xoghol isir sew, l-attur m'ghandux dritt jippretendi hlas.

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghax-xoghol

kollu meta kompliet skond is-sengha u l-arti, l-attur ikun fadallu jiehu hames mitt lira u mhux l-ammont minnu pretiz fl-avviz.

(4) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 1996 permezz ta' liema l-Qorti kienet innominat bhala Perit Tekniku lil William Cassar Torreggiani.

Rat illi l-Perit Tekniku kien lesta u pprezenta r-relazzjoni fit-12 ta' Gunju 1998.

Rat ukoll illi l-attur nonostante li anke gie ordnat mill-Qorti biex ihallas lill-Perit Tekniku d-drittijiet tieghu baqa' ma hallasx dawn id-drittijiet u ghalhekk il-Perit gie prekluz milli jikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament.

Billi fis-seduta tal-lum l-attur ma deherx u l-konvenut assistit mid-difensur tieghu talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; u billi kkonstatat li sal-lum stess l-istess attur baqa' ma hallasx drittijiet lill-Perit Tekniku tilqa' t-talba tal-konvenut u qieghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju a tenur tal-Artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg